

Brussell, 10 ta' Marzu 2017
(OR. fr)

7050/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0031 (COD)

CODEC 329
ENER 102
IA 37

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL + D)

1. Fis-16 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2016². Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-2 ta' Marzu 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ dok. 6226/16.

² ĠU C 487, 28.12.2016, p. 81.

³ dok. 6816/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 3/17;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
